# TRIBUNAL INDUSTRJALI

**Decizjoni Nru: 3170**

**Nhar it-Tlieta 14 t' April, 2026**

**Kaz Numru: 4292/DP**

**Fil-kwistjoni tax-xogħol**

**bejn**

**Jason Gatt (KI: 255978M)**

**u**

**Melita Power Diesel Limited (C 23376)**

**dwar tkeċċija mill-impjieg allegata nġusta**

**Chairperson : Av. Doreen Parnis M.Adv.,LLb Dip. LP; M.A. B.A., P.G.C.E.**

## Introduzzjoni

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' Rikors mill-Av. Josette Sultana f'isem Jason Gatt fir-Reġistru tal-Qrati Superjuri nhar it-13 ta' Marzu 2024, fejn iddikjara illi t-tkeċċija minn mas-soċjeta' ntimata ma' saritx għal raġuni ġusta u suffiċjenti u għaldaqstant talab kumpens ġust u ekwu skond il-liġi fuq sejbien ta' ħtija mis-soċjeta' ntimata.

It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-każ kif preżentati mill-partijiet, fejn sema' x-xhieda mressqa min-naħat involuti, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fis-sottomissjonijiet ta' l-avukati difensuri.

## Fatti fil-qosor tal-każ

Ir-rikorrent kien jaħdem b'kuntratt indefinit mill-14 ta' Ottubru 2021 u ġie tterminat fl-1 ta' Novembru 2023 u l-għada 2 ta' Novembru 2023 s-CEO tas-soċjeta' nimata għamel kuntatt miegħu u talbu jibgħat ittra ta' riżenja u r-rikorrent irrifjuta. Huwa qal li wara ġie nfurmat kif ġie tterminat minħabba redundancy/sensja. Huwa jgħid li wara t-temm ta' mpjieg tiegħu  s-soċjeta' mpjegat persuni oħra biex jagħmlu l-istess

xogħol.ukoll li gie ffrut jahdem għaxart'ijiem minn notice period u għaxra oħra jittieħdu mil-leave.

Min-naħa tagħha fit-tweġiba s-Soċjeta', qalet li l-allegazzonijiet kollha magħmulha mir-rikorrent fid-dikjarazzjoni tal-każ tiegħu qed jiġu kkontestati. Hija tgħid li r-rikorent ġie immedjatament u inekwivokament infurmat mir-rappreżentant tal-kumanpija li huwa qed jingħata s-sensja, ossija l-impjieg tiegħu kellu jiġi tterminat minħabba reduncdancy. Hija tgħid li llum il-ġurnata s-soċjeta' m'għadx għandha bżonn ta' bugħaddasa u ma għad hemm l-ebda mpjegat li jokkupu l-pożizzjoni ta' bugħaddas u mhuwex minnu li l-kumpanija mpjegat persuni oħra fl-istess pożizzjoni tal-impjegat. Il-kumpanija tgħid ukoll li offriet taħriġ lir-rikorrent bħala qua bugħaddas iżda kienet dejjem fid-deskrizzjoni tar-rikorrent li jagħmel dak meħtieġ sabiex jottjeni liċenzja ta' bugħaddas kummerċjali, filwaqt li l-pożizzjoni tiegħu mas-soċjeta' dejjem kienet ta' bugħaddas normali li hija kompletament differenti minn dik ta' bugħaddas kummerċjali.

**Ġabra fil-qosor tax-xhieda**

**Gennaro Xerri** fil-kapaċita' ta' Marina Manage u permezz ta' Affidavit qal li ilu jaħdem mal-Kumpanija Harbour Management Ltd (HML) sa mill-2012, liema rwol jiirrkjedi li jmexxi l-operat tal-marina ġewwa l-Imgarr Għawdex. Huwa qal li HML hija parti mill-Melita Marine Group. Ix-xhud qal li fl-20 ta Ottubru 2021 ġie nfurmat minn Alexia Farruga, HR Manager li mill-1 ta' Novembru 2021 kien se jibda magħhom r-rikorrent u hu kellu jieħu ħsieb it-taħriġ tiegħu. Huwa nfurmaha li għall-ewwel kien se jassenjalhom biss kompiti taħt il-kategorija ta' *open circuit Scuba* li jistgħu jsiru minn bugħaddasa Scuba u li ma jkollhomx livell tekniku għoli. Ix-xhud qal li dejjem tah xogħol li jsir minn bugħaddas kwalifikat bħala sportiv. Huwa qal li fl-24 ta' Ottubru 2021 kienet inbagħtet deskrizzjoni tax-xoghol lill-kandidati prospettivi li kienet tinkorpora żieda fl-abiltajiet tagħhom għax eventwalment kellha tiġi mwaqqfa *surface supplied commercial divers*. Din id-deskrizzjoni ġiet milqugħa. Il-persuna kien se jkollha tieħu taħriġ biex tiġi ċċertifikata tali.

Ir-rikorrent irċevihom u fehemhom. Ir-rikorrent kien ikun ukoll stazzjonat ta' spiss Għawdex għax Malta ma kienx hemm xogħol biżżejjed għalih. Ix-xhud qal li r-rikorrent kien ukoll kopert minn polza tal-assigurazzjoni. Fl-2022 ittieħdet deċiżjoni mid-diriġenti ta' MMG li titwaqqaf sezzjoni fi ħdan l-istess grupp ta' kumpaniji ddedikata u speċjalizzata

għal għadis kummerċjali u biex jaqdu vapuri u bastimenti kummerċjali tal-portijiet u fl-ibħra barra mit-territorju ta' Malta. Ix-xhud qal li l-kuntratt ta' mpjieg tar-rikorrent kien jinċentivah jibda taħriġ ta' bugħaddas kummerċjali. Fil-bidu tas-sena 2023 ġie ngaġġat Juan Martinez biex iwaqqaf u jmexxi din is-sezzjoni u li kellu kwalifiċi għolja f'dan il-qasam. Ir-rikorrent hawn beda jinsisti biex jingħata ċerta benefiċċji li kienu jikkonsistu f'konċessjonijiet ta' trasport, iżda skont il-kuntratt ta' mpjieg dan ma kienx obbligati lejh. Huwa qal li l-ewwel ippreferew li s-sezzjoni titwaqqaf u f'Lulju 2023 beda eżerċizzju biex l-impjieg tar-rikorrent jiġi ttrasferit għal ma' HML u l-irwol tiegħu kellha tiġi inkluża fl-eventwali kuntratt ta' mpjieg tiegħu. Sakemm iġib il-kwalifiki kien assenjat lilu li jassisti lill-bugħaddasa mingħajr ma jinżel fl-ilma. Ix-xhud qal li fit-12 ta' Ottubru 2023 r-rikorrent kellu nċident b'sikkina u ħareġ bis-*sick leave*. Ix-xhud qal li huwa minnu li waqt is-*sick leave* intalab jidħol għax-xogħol għax ma kienx se jinżel fl-ilma u l-ġerħa ma medditux li jaħdem mill-uffiċċju. Eventwalment ġie deċiż li l-impjieg tar-rikorrent ma kienx għadu jeżisti, bl-aħħar ġurnata tal-impjieg tiegħu kellha tkun l-10 ta' Novembru 2023, iżda r-rikorrent ma riedx jiffirma t-terminzzjoni. Ix-xhud qal li sal-lum il-ġurnata MPD m'għandhix bugħaddasa mpjegati magħha u m'għadhiex toffri servizzi li jirrikjedu attivita' ta' bugħaddas. Illum hemm team ta' bugħaddasa kummerċjali kwalifikati fuq livell internzzjonali li beda jitwaqqaf f'Marzu ta' din is-sena 2024. Huwa kkonferma li d-deċizjoni li jitkeċċa ħadha Robert Cauchi. Huwa qal li hu ddiskuta l-kuntratt u r-rikorrent ma aċċettax.

Għall-kontro-ezami kkonferma li huwa mpjegat ma' Harbour Mangement Ltd li hija kumpanija fil-Melita Marine Group u r-rikorrent kien imjegat ma' Melita Power Diesel u huwa kien inkarigat kuljum mir-rikorrent. Huwa qal li r-rikorrent ma kienx jagħmel xogħol ta' *commercial diver* u r-rikorrent biex jagħmel dan kellu bżonn ta' taħriġ addizzjonali iżda ma jafx jekk is-soċjeta' ntimata hix lesta tħallas għal dan it-taħriġ. Huwa kkonferma li kienu saru xi diskussjonijiet u r-rikorrent kien wasal biex jiffirma kuntratt ieħor. Ir-rikorrent ġie offrut mpjieg ta' *tender diver* li huwa l-ewwel staffa biex tilħaq *commercial diver*. Minn hemm trid tieħu diversi taħriġ biex wieħed iġib il-Commercial Diving Certificate u jkun jista' jkompli mas-soċjeta' fis-sezzjoni l-ġdida. L-entita' l-ġdida jisimha Melita Comercial Divers, xorta taqa' taħt il-kumpanija Harbour Management Limited. Ix-xhud ikkonferma li r-rikorrent kien jaħdem Malta u ġieli tela' Għawdex u kkonferma li kien weġġa' fuq il-post tax-xogħol. Huwa kkonferma li kien saqsieh jekk jistax jiġi jagħmel xogħol fuq skrivanija li m'għandu x'jaqsam xejn mal-baħar. Għax skont in-natura tal-inċident, seta' xorta jimxi, jitkellem, kollox. Ma kienx jeħtieġ li joqgħod fis-sodda.

Id-deċizjoni li jitkeċċa ħadha Robert Cauchi. Qabel is-sick laeve saret l-ewwel diskussjoni biex jibda t-taħriġ. Ix-xhud ikkonferma li ma mpjegaw lil ħadd wara r-rikorrent floku bl-istess kwalifiki li kellu hu. Huwa qal li b'koinċidenza tkeċċa ġurnata wara li daħal mis-sick leave u kkonferma li kien issuġġerixxa li waqt li kien bis-sick jidħol jagħmel xi xogħol ta' kitba għax ma kienx xogħol relatat ma' baħar. Ix-xhud ikkonferma li Robert Cauchi waħdu ddeċieda li jittermina lir-rikorrent u li meta ltaqgħu l-ittra ta' terminazzjoni diġa' kienet lesta. Ix-xhud qal li wara li spiċċa r-rikorrent ma mpjegaw lil ħaadd minfloku u għar-ri-eżami qal li kien qed jirreferi mal-Harbour Management Ltd.

**Pierre Balzan** fil-kapacita' ta' direttur tal-kumpanija Melita Power Diesel limited (MPDL) u kif ukoll ta' Harbour Management Limited (HML) u wkoll bħala Uffiċċjal Kap eżekuttiv tal-Melita Marine Group (MMG) , li minnu jagħmlu prati l-kumpaniji MPDL u HML fost oħrajn, permezz ta' affidavit qal, li MMG topera fċs-suq marittimu, speċifikament *yachting services* u kumpaniji dfferenti fi hdan il-grupp li joffru servizzi varji. Huwa qal li l-attivta' prinċipali ta' MPDL hija *to construct, maintain, service, overhaul, refit, repair, recondigition, frnish, equip or improve automotive, industrial, construction, power generation, marine and heavy duty transportation equipment or anything, connected therewith or used theron or therefore*. HML qal ix-xhud, tipprovdi faċilitajiet ta' rmiġġ għal bċejjeċ tal-baħar.
Għall-kontro-ezami x-xhud ikkonferma li hu direttur mas-soċjeta' ntimata u li kellem lir-rikorrent darba. Huwa qal li jekk jarah forsi jagħrfu.. Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-affidavit għamlu fuq in-noti. Huwa qal li r-rikorrent kien għaddas u kien jitla' ħawdex kuljum. Kien jingħata struzzjonijiet mingħand is-Sur Gennaro. Fost id-dmirijiet tiegħu kien hemm li jorbot id-dagħjsa, jagħmel il-ħbula, inaddaf u jagħamel il-ktajjen u xi xogħol taħt l-ilma. Huwa kkonferma li jiftakar meta weġġa' r-rikorrent u dan kien jinforma lill-uffiċċjal ta-saħħa u sigurta' skont il-proċedura. Ix-xhud qal li huwa kien imbagħad jirċievi email. Huwa kkonferma li r-rikorrent spiċċa għax ma kellhomx bżonn aktar għaddasa mal-Melta Power Diesel (MPD) u ġie redundant. Huwa kkonferma li ħadd ma ġie mpjegat bħalu mal-MPD iżda daħlu ma' entitajiet oħra li huma kumpaniji differenti. Huwa kkonferma li huma persna legali differenti taħt trade name wieħed, li għandhom komuni huwa lilu bħala azzjonist. Bħala operat huwa qal li Marina Management tagħmlu l-HML u MPD tieħu ħsieb l-enigineering, dockyard, u services fost oħrajn. Huwa qal li kien jaf li kienu qed isiru diskussjonijiet mar-rikorrent biex jingħata kuntratt ġdid u li ma kienx involut hu.

Huwa qal li l-affidavut minkejja li kitbu fuq in-noti , la kitbu jkun ivverifika x'fih. Ix-xhud qal li r-rikorrent kien irrifjuta li jaħmel ċertu korsijiet.

**Juan Manuel Cuenca Martinez** permez ta' affidavit qal li kien *impjegat bħala diving operations manager* mal-Harbour Management Ltd (HML) sa mill-1 ta' Ottubru 2023. L-inkarigu tiegħu fi ħdan il-Melita Marine Group kien li jwaqqaf sezzjoni għall-*commercial diving* li kienet se topera fl-ibħra, xmajjar, kanali, fish farms, u fl-industrija taż-żejt u gass. ommercial diver kellu jkun familjari ma equipment differenti. Huwa qal li r-rikorrenti kien diġa mpjegat mal-MPD u kien jagħmel xi xogħol mal-HML meta huwa beda jaħdem mal-HML. Ix-xogħol li kien jagħmel ir-rikorrent marine work, kien frazzjoni zgħira fejn ix-xogħol li jagħmel *commercial diver*. Biex tagħmel *commercial diving* ried ikollok *commercial diving qualifications* kif regolati bil-liġijiet tal-EU. Ix-xhud qal li r-rikorrent kien jaħdem b'mod flessibbli bejn is-7.00am u 3.00pm fil-ġranet ta' matul il-ġimgħa biss. Huwa qal li fis-6 ta' Lulju 2023 bagħat email lis-sezzjoni tar-riżorsi umani ta' Melita Marine Group b'deskrizzjoni dettaljata tar-rwol il-ġdida tar-rikorrent, fejn kellu jassisti lill-*commercial divers*. Huwa fehem li s-CEO Robert Cauchi kien f'diskussjonijiet mar-rikorrent fuq dan it-tibdil fir-rwol u kundizzjonijiet tax-xogħol. Ix-xhud qal li r-rikorrent kien konxju mit-tibdil fil-kundizzjonijiet. Huwa qal li r-rikorrent iddomanda li l-kumpanija tħallaslu l-kors iżda wkoll l-ispejjeż involuti ta' l-ivjaġġar u akkomodazzjoni marbuta mal-kors, għax f'Malta m'hawn l-ebda istituzzjoni li tipprovdi dan it-taħriġ. Ir-rikorrent kien qallu li f'Malta mhux rekwiżit li jkollok dan il-kwalifiki biex taħdem ta' bugħaddas kummerċjali. Izda x-xhud ma kienx lest li jaċċetta bħala *operations manager* tal-MCD Commercial Divers, sew minħabba l-aspett legali u sew minħabba r-riskji involuti. Huwa qal li fis-17 t'Ottubru 2023 huwa bagħat email lir-rizorsi umani biex japprova t-tibdil fil-kuntratt. Wara saret laqgħa fl-1 ta' Novembru 2023 bejn ir-rikorrent, Robert Cauchi u hu stess, l-irwol tiegħu kien li jispjega l-irwol tar-rikorrent il-ġdida f'aktar dettal, iżda minflok ma sar dan Robert Cauchi informa lir-rikorrent li l-impjieg tiegħu kien qed jiġi tterminat. Huwa qal li Cauchi kien infurmah li r-rikorrent kien irrifjuta li jiffirma l-kutratt il-ġdid.

Għall-kontro-ezami x-xhud ikkonferma li huwa *operations manager* mad-*diving unit* tal-Melta divers, Harbour Management Ix-xhud qal li huwa ma kienx impjegat mal-MPD u qatt ma kkordina xejn mar-rikorrent għax ir-rikorrent kien mal-MPD. Huwa qal li hu kien jgħix Għadwex u kien imur il-marina, u kien impjegat bħala manager mal-Harbour Management, li kienet tħaddan għaddasa kummerċjali biss. Huwa kkonferma li kien se jtih

kuntratt ġdid u jmur jieħu taħriġ bħala għaddas kummerċjali u jimpjegawh bħala *tender driver*. Izda r-rikorrent irrifjuta li jmur. U l-kumpanija kienet se tħallas għal dan it-taħriġ. Ix-xhud qal li r-rikorrent ma kienx applika filfatt. Huwa kkonferma wkoll ki r-rikorrent ma kienx jaqa' taħtu. Ikkonferma wkoll li semmew li se jmur jaħdem miegħu fl-inkwadratur ta' tibdil tal-kumpanija kollha u mhux tar-rikorrent personali. Qal ukoll li kien se jasssti r-rikorrent meta jiffirma l-kuntratt u dan biex ifehmu f'każ li jkollu xi mistoqsijiet. Iżda meta ġie Robert qallu inti ġejt itterminat. Ix-xhud qal li mbagħad bdew jitkellmu bil-Malti u minkejja li ma kienx qed jifhimhom, induna li ma kienux qed jitkellmu b'mod amikevoli.

**Jason Gatt** qal li ilu jaħdem mas-soċeta' ntimata Melita Power Diesel limited sa mill 1 ta' Novembru 2021, b'kuntatt indefinit iffirmat fl-14 ta' Ottubru 2021. Huwa qal li fl-1 ta' Novembru 2023 ġie mkeċċi. Fit-2 intalab jibgħat ittra ta' riżenja li rrifjuta jagħmel. Sussegwentement, fit-13 ta' Novembru 2023, ġie mgħarraf permezz ta' ittra kif ukoll waqt laqgħa mas-CEO tas-soċjeta' ntimata, illi t-temm tal-impjieg tiegħu kien minħabba sensja/redundency. Sussegwentement is-soċjeta' impjegat lil persuni oħra sabiex jagħmlu l-istess xogħol li kien jagħmel. Mil-1 ta' Novembru 2023 'l quddiem, il-manager tiegħu minkejja li kien bis-sick leave ordnalu jidħol xogħol u jekk le jitkeċċa u talbu jikteb bil-miktub f'dan is-sens. Il-manager ħassar il-messaġġ li kien bagħat u minflok bagħat messaġġ ieħor bħal li kieku kienet ċajta. Ix-xhud jgħid li t-temm ta' mpjieg sar mingaħjr ma ġew segwiti proċeduri ġusti. Ix-xhud jgħid ukoll li sal-lum għadu mingħajr impjieg. Għall-kontro eżami r-rikorrent qal li kien ilu jilmenta minn ħwejjeġ li kien imwiegħed u ma ħadhomx. Kellu jaħdem Malta u skont il-kuntratt li oriġinarjament iffirma kellu jmur Għawdex darba fix-xahar iżda spiċċa jmur kuljum. Talab vettura iżda minflok ġie offrut 35c kull kilometru u hu aċċetta. Wara reġgħu inbidlulu l-kundizzjonijiet u kien jilmenta mal-HR, li nbidlet tliet darbiet. Ix-xhud qal li kien jaf li ser isiru xi tibdiliet u kien se jsirlu kuntratt ġdid. Dan il-proċess beda qabel ma ħareġ bis-*sick leave*. Fl-abbozz tal-kuntratt il-ġdid kien hemm klawsoli li ma qabilx magħhom bħal per eċempju li jrid idum fil-baħar għal ħin twil, irid jaħdem f'kull kundizzjoni ta' baħar, kwalunkwe temperatura anke fid-dlam. Mar laqgħa bl-intenzjoni li jibdlulu dawn il-kundizzjonijiet li kien diġa' lmenta dwarhom mal-*General Manager* li qallu li se jirranġawhom, u minflok iddiskutew, keċċewh.

**Sottomissjonijiet**

**L-Av Sefora Agius** għan-nom tas-soċjeta' ntimata qalet li r-rikorrent ġie nfurmat li ngħata s-sensja fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru 2023. Ir-rikorrent kien impjegat bħala bugħaddas ma' MPD permezz ta' kuntratt indefinit datat l-14 ta' Ottubru 2021 b'effett mill-1 ta' Novembru 2021. L-Av Agius qalet li d-differenza bejn l-irwol ta' bugħaddas 'normali' jew scuba' li kien ir-rikorrent u rwol ta' bugħaddas kummerċjali, il-kwalifiki tar-rikorent ma kinux jippermettu jsir għadis kummerċjali. Il-possibilita' li r-rikorrent jottjeni l-liċenzja meħtieġa sabiex ikun jista' jopera bħala bugħaddas kummerċjali tissemma' fil-kuntratt t'impjieg taħt il-kundizzjonijiet relatati mal-paga tiegħu. Ma jirriżultax li MPD kienet obbligat ruħha b'mod kuntrattwali li tipprovdi lir-rikorrent taħriġ sabiex ikun jista' jottjeni l-liċenzja. Ir-rikorrent jixhed li kien ġie mwiegħed verbalment li MOD kellha tipprovdilu taħriġ sabiex jottjeni l-kwalifiki neċessarji biex ikun jista' jopera bħala bugħaddas kummerċjali u li din il-wegħda wkoll ma nżammitx, iżda dan m'affetwax id-disponibilita' tiegħu li jkompli jaħdem ma' MPD. Is-sigħat ta' xogħol li bħala stat ta' fatt kien jaħdem ir-rikorrent huma spjegati f'annex 1 ta' l-istess kuntratt. Fis-sena 2022, ittieħdet deċiżjoni minn Melita Marine Group sabiex titwaqqaf sezzjoni speċjalizzata għal għadis kummerċjali. Għandu jiġi rilevat li MPD u HML minn dejjem kellhom oġġettivi differenti. L-Av Agius qalet li permezz ta' riżoluzzjoni ta' l-azzjonisti rreġistrata t-18 ta' Diċembru 2023, il-memorandum u l-artikoli t'assoċjazzjoni ta' HML ġew emendati sabiex jirriflettu t-tibdil li seta' jsir fl-oġġettivi ta' l-istess kumpanija, ir-rwol prinċipali tagħha baqa' li topera marina waħda jew aktar. Mid-dokumenti esebiti mir-rappreżentant tal-Jobsplus, jista' jiġi kkonfermat ukoll illi wara li ġie tterminat l-impjieg tar-rikorrent, MPD ma reġgħet impjegat lil ħadd fil-pożizzjoni ta' bugħaddas scuba. Meta beda jiġi nnegozjat kuntratt ġdid, ir-rikorrent kellu żewġ talbiet: trasport u jingħata taħriġ għal bugħaddas kummerċjali. Fis-17 ta' Ottubru ġie approvat l-abbozz liema abbozz jispeċifika li minkejja li l-impjieg tar-rikorrent kien qiegħed jiġi trasferit għal ma' HML, ir-relazzjoni t'impjieg tiegħu ma'l-istess kumpanija kellha titqies bħala kontinwa għal ma' dik li kellu ma' MPD. L-iktar differenza mmarkata bejn l-abbozz u l-kuntratt t'impjieg oriġinali kien it-tibdil fil-kundizzjinijiet tax-xogħol li huma l-*working environement* u s-sigħat. L-intiża tal-laqgħa kienet li r-rikorrent jiffirma l-kuntratt t'impjieg ma' HML, madanakollu, dak inhar Robert Cauchi informa lir-rikorrent li l-impjieg tiegħu ma' MPD kien qiegħed jiġi tterminat f'effett immedjat. L-Av Agius qalet li meta r-rikorrent kien qiegħed jinnegozja t-termini l-ġodda, Robert Cauchi inbidel għaliex kien jaf li dawk il-kundizzjonijiet kienu essenzjali għar-rwol ta' *tender driver* ma' HML li kien qiegħed jiġi offrut u la r-rikorrent ma kienx

lest jaħdem f'dawk il-kunidzzjonijiet essenzjali għal dik il-pożizzjoni, allura effettivament irrenda lilu nnifsu *redundant*. L-Av Agius tgħid li għalkemm huwa evidenti li dan m'huwiex il-mod ideali kif CEO ta' grupp kbir ta' kumpaniji jaġixxi b'dan il-mod, in-negozjar kien ilu għaddej minn Lulju. Mill-kontro-eżami u l-kawża kif imressqa, ir-rikorrent qatt ma kien se jkun lest jaċċetta jaħdem fir-rwol ta' *tender driver* kif offert lilu minn HML.

**L-Av Josette Sultana** għan-nom tar-rikorrent qalet illi fl-1 ta' Novembru 2023 r-rikorrent ġie mkeċċi mix-xogħol ħabta u sabta mis-CEO tas-soċjeta' ntimata mingħajr ma ngħata l-ebda twissija. Kien biss fit-13 ta' Novembru 2023 , li r-rikorrent ġie mgħarraf permezz ta' ittra kif ukoll waqt laqgħa mas-CEO illi t-temm tal-impjieg tiegħu kien minħabba sensja/redundancy. Ir-rikorrent kien impjegat mas-soċjeta' Melita Power Diesel Limited (MPD) bħala 'Diver' permezz ta' kuntratt indefinit datat l-14 ta' Ottubru 2021, b'perjodu ta' prova ta' sitt xhur mill-1 ta' Novembru 2021. Tul l-impjieg ir-rikorrent kien invlut f'diversi xogħlijiet relatati ma' dawk ta' bugħaddas u attivitajiet taħt il-baħar, ħafna drabi anke f'kuntest li jmur lil hinn minn dak li normalment jitqies bħala sempliċiment '*scuba diving'*. Id-dmirijiet kompiti tiegħu fi ħdan xogħlu ma' MPD kienu jikkonsistu f'xogħol imwettqa minn bugħaddasa kummerċjali bid-differenza li huwa ma kellux ċertifikat relatat. Ix-xhieda ta' Gennaro Xerri u ta' Juan Martinez turi li r-rikorrent kien jaħdem taħt direzzjoni operattiva ta' persuni imjegati ma "HML" u li l-funzjoni tiegħu kienet integrata fil-ħtiġijiet usa tal-grupp kollu, aktar milli limitata strettament għall-operat ta' MPD. Fil-kors tas-sena 2022 u 2023, ittieħdet deċiżjoni fi ħdan il-grupp sabiex jiġi żviluppat settur speċjalizzat ta' *commercial diving* fi ħdan HML. Dan wassal għal bidliet strutturali. F'dan il-kuntest, ir-rikorrent kien involut f'diskussjonijiet dwar il-futur tiegħu, inklużi l-possibilita' li jkompli jaħdem f'dan is-settur u li jingħata taħriġ sabiex jikseb il-kwaliki meħtieġa. Mill-provi jirriżulta li kien hemm intenzjoni konkreta li l-impjieg tar-rikorrent ikompli fi ħdan HML, u għal dan il-għan ġie ppreparat kuntratt ġdid li kien ser jirregola l-kundizzjonijet il-ġodda tal-impjieg tiegħu, kien anke rċieva abbozz ta' dan il-kuntratt u kien f'diskussjonijiet fosthom fuq kundizzjonijet relatati max-xogħol tiegħu f'Għawdex inkluż li jingħata taħriġ neċessarju sabiex jottjeni l-liċenzja ta' buagħaddas kummerċjali a spejjeż tas-soċjeta' ntimata. Illi matul iż-żmien li kienu għadhom għaddejjin it-taħdidiet f'rigward il-kuntratt il-ġdid, ir-rikorrent kellu nċident u ħareġ bis-*sick leave* u fl-istess waqt id-Direct Manager bagħat jgħidlu li jew jidħol xogħal jew jitkeċċa. Meta r-rikorrent talbu bil-miktub f'dan is-sens, ħassar il-messaġġ bħal li kieku kienet ċajta. Dan kollu ġie

kkonfermat mix-xhieda ta' Gennaro Xerri waqt il-kontro-eżami fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2025. Ir-rikorrent ried li jkun hemm ċertu kundizzjonijiet inklużi fil-kuntratt il-ġdid u kellem lill-General Manager u dan qallu li ħa jirranġaw il-kuntratt sabiex jirrifletti dak li xtaq ir-rikorrent. Ġie ppjanat meeting u fih kellu jiġi spjegat il-kuntratt u jiffirmah. Madanakollu waqt li r-rikorrent kien fuq is-*sick leave* jidher li l-kontenut tal-kuntratt ġie emendat. Meta r-rikorrent ġie msejjaħ għal-laqgħa li kienet iffissata għal-1 ta' Novembru 2023 kien hemm preżenti CEO Robert Cauchi u Juan Martinez, waqt l-istess laqgħa r-rikorrent intebaħ li l-kuntratt ma kienx bħal ma dak li kien ikkomunikat lilu. Ir-rikorrenti irrifjuta li jiffirmah u ħabta u sabta Robert Cauchi qallu li ġie mkeċċi. Juan Martinez kien taħt l-impressjoni li l-laqgħa kellha skop differenti u esprima sorpriża. Skont in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta' ntmata s-CEO jammetti li żbalja meta keċċieh ħabta u sabta. Fis-7 ta' Novembru 2023 ir-rikorrent ingħata ittra li spjegat li huwa kien qiegħed jiġi mwaqqaf minħabba *redundancy*. Mix-xhieda ta' Juan Martinez u Gennaro Xerri hemm inkonsistenzi ta' x'vera x'ġara. Iżda kienu konsistenti t-tnejn meta ikkonfermaw li ma kinux jafu ir-raġuni għala tkeċċa r-rikorrent. Mill-kontro-eżami ta' Gennaro Xerri jirriżulta li d-deċiżjoni li r-rikorrent jitkeċċa kienet diġa' ttieħdet qabel il-laqgħa u li l-ittra tat-terminazzjoni kienet diġa' preparata minn qabel. Fin-nota ta' sottomissjoni tas-soċjeta' ntimata tgħid b'mod ċar li l-impjieg offrut lir-rikorrent ma' HML ma kienx jikkostitwixxi impjieg ġdid u distint, iżda kien intiż bħala kontinwazzjoni diretta tal-impjieg li huwa diġa kellu ma' MPD. L-Av Sultana tgħid li r-rikorrent ma rrifjutax ix-xogħol, iżda rrifjuta kundizzjonijiet ġodda li kienu sostanzjalment aktar onerużi. Il-provi juru li kien lest li jkompli jaħdem u li mar għal-laqgħa bil-għan li jiffirma l-kuntratt, iżda meta induna li l-kundizzjonijet kienu nbidlu b'mod detrimentali għażel li ma jaċċettahomx.

**Kunsiderazzjoni**

It-Tribunal ġie mitlub jiddeċiedi jekk it-talba tar-rikorrent, li l-kuntratt ta' mpjieg kienx terminat għal raġunijiet inġusti, u tenut kont ħdax (11)-il fatt li ħarġu waqt dan il-proċess u cioe :

Li r-rikorrent kien impjegat mas-soċjeta' ntimata għal madwar sentejn ;

Li kien impjegat bħala scuba diver f'dan il-perjodu b'kuntratt indefinit ;

Li fl-istess kuntratt r-rikorrent kellu mniżżel li se javvanza fil-paga u dan mal-akkwist ta' ċertifikat li jikkwalifikah isir bugħaddas kummerċjali ;

Li matul dawn is-sentejn is-soċjeta' ntimata biddlet l-operat tagħha u ġiet bżonn bugħaddasa kummerċjali;

Li r-rikorrent kien jaf li għandu bżonn aktar taħriġ hekk kif ukoll kienet ġa ppjanat li jsir is-soċjeta' ntimata ;

Li s-soċjeta' ntimata riedet tbiddel il-kuntratt tax-xogħol tar-rikorrent biex jirrifletti dan it-tibdil ;

Li r-rikorrent u s-soċjeta' ntimata bdew sa minn Lulju ta' qabel ma ġie tterminat , jinnegozjaw biex jaslu għal ftehim biex jiġi finalizzat u ffirmat l0-kuntratt il-ġdid ;

Li fil-ġurnata li kellu jiġi ffirmat il-kuntratt, ir-rikorrent ġie tterminat wara nuqqas ta' qbil fuq il-kundizzjonijiet.

Li rrikorrent mar għal-laqgħa bl-intiża li jinnegozja u s-soċjeta' ntimata diġa' kellha l-ittra tat-terminazzjoni lesta ;

Li ġew ingaħġġati persuni oħra bħala bugħaddasa wara li ġie tterminat ;

Li r-raġuni uffiċjali li ngħatat mis-soċjeta' ntimata għala ġie tterminat hija li r-rikorrent ġie redundant.

**Decide**

It-Tribunal f'dan il-kaz huwa affaċjat b'terminazzjoni li r-raġuni li nġabet kienet li spiċċa *redundant*. Ovvjament f'każ ta' *redundancy* l-liġi tgħid li min daħal l-ewwel jispiċċa l-aħħar[1] u sa żmien sena jerġa' jiddaħħal jekk l-istess pożizzjoni terġa' tkun disponibbli.[2] Fil-każ odjern jista' jiġi meqjuż li ġew ingaġġati persuni oħra f'inqas miż-żmien stipulat

[1] Art 36(4) Kap 452 Laws of Malta
[2] Art 36 (3) kap 452 Laws of Malta

mil-Liġi fil-kariga li kellu jitqies diġa' fiha r-rikorrent mill-minuta li bdew id-diskussjonijiet biex jokkupaha hu.

Mill-kuntratt tax-xogħol ma jidhirx li kien hemm indikazzjoni li r-rikorrent se jintemlu l-impjieg u dan għax il-kwalifika miksuba biċ-ċertifikat ta' bugħaddas kummerċjali kienet marbuta ma' żieda fil-paga u mhux maż-żamma tal-impjieg. Aktar minn hekk kien hemm sensiela ta' taħdidiet li kienu qed jimmiraw lejn tkomplija ta' xogħol b'differenzi li riedu jiġu maqbula bejn ir-rikorrent u s-soċjeta' ntimata. Dan it-Tribunal jemmen li jekk min iħaddem ibiddel in-natura tax-xogħol tali min diġa' qiegħed jaħdem magħha jista' jkompli jaħdem fi ħdanha, għandha tipprovdi l-għodda neċessarji kollha. Dan ifisser li s-soċjeta' kellha tipprovdi taħriġ u l-kundizzjonijet kollha marbuta ma' dan il-mistier bl-aqwa u l-ewwel importanza tingħata dejjem lejn is-saħħa u s-sigurta' tal-impjegati tagħha.

Huwa minnu wkoll kif jisħaq Selwyn fil-każ ***Creswell v Board of Inland Revenue (1984)***[3] fejn jgħid li l-impjegat għandu obbligu anke jekk mhux kuntrattwali (*implied duty*) li jadatta għal tibdil fl-impjieg imma dejjem jekk ikun rekwiżit raġjonevoli, bħal meta mit-*type writer* imxejna għall-*computers*. Fil-każ odjern it-tibdil fil-kundizzjonijiet ma jistgħux jitqiesu raġjonevoli.

It-Tribunal ukoll ma jistax jinjora l-ammissjoni min-naħa tas-soċjeta' ntimata stess li l-mod kif ġie tterminat ir-rikorrent mhux ideali. It-Tribunal iżid li mhux talli mhux ideali iżda talli hu inaċċettabbli. Il-proċess kollu li wassal għat-terminazzjoni, fil-fehma tat-Tribunal kien monk. Ma jagħmilx ġieh l-anqas li ħaddiem jiġi mhedded li jekk ma jidħolx lura għax-xogħol waqt li jkun bis-*sick leave,* se jitkeċċa.

Hawnhekk it-Tribunal irid jieħu l-opportunita' u jindirizza direttament lir-rikorrent minkejja li se jingħad ma jinpinġi xejn fuq id-deċiżjoni dwar din il-kawża. Meta weġġa' fuq il-post tax-xogħol, mhux *sick leave* kellu jittieħed iżda *injury leave*, li tirriikjedi proċess inkluż timtela' l-NI-30, tiġi ffirmata minn min iħaddem u jekk dan tal-aħħar jirrifjuta li jiffirmaha, l-imjegat imweġġa' għandu jmur l-għassa tal-pulizija u jiffirmawhielu huma. Wara, din il-formola tiddaħal għand-id-Dipartiment tas-Sigurta'

[3] 1984 ICR 508 in Astra Emir: Selwyn's Law of Employment: 22nd Ed in Part 4 Chapter 10

Soċjali. Ovvjament min iħaddem, f'dan il-każ, is-soċjeta' ntimata tafhom dawn il-proċeduri, jew jekk le ghandha tkun taf. Pero' jibqa' l-fatt li huwa r-rikorrent li jrid jipproċedi b'dan il-mod għax is-soċjeta' ntimata fil-verita' m'għandhix interess tiggwidah f'dan is-sens.

It-Tribunal jirreferi wkoll għall-bidliet fil-kundizzjonijiet kif proposti mis-soċjeta' ntimata fir-rigward ta' l-ambejnt tax-xogħol (*working environment*), it-Tribunal mhux espert fil-kundizzjonijiet li jridu jaħdmu fihom il-bugħaddasa u ma ġie ppreżentat l-ebda gwida fuq dan u s'intendi '*non est in actis non est in mundi'*, u allura kull dubju jmur favur lejn l-impjegat, dan ukoll għax kif risaput fil-każistitika u l-insenjament relatat mad-dinja tax-xogħol, l-imjegat huwa meqjuż l-inqas b'saħħtu fir-relazzjoni ta' ħaddiem u min iħaddem fejn jidħol negozzjar ta' kundizzjonijiet. Fil-każ odjern ċertament il-kundizzjonijiet imposti mhumiex fl-interess tar-rikorrent jew li jħarsu s-saħħa u s-siġurta' tiegħu meta tqis termini vagi bħal : li jrid jibqa' taħt l-ilma kemm hemm bżonn f'kull kundizzjoni inkluż temperatura, fond, viżibilta' ; dejjem lest li jiġi msejjaħ u fi żmien tliet sigħat irid ikun lest li jħalli l-pajjiż u dan b'disponibbilta' ta' 24 siegħa kuljum sebat ijiem fil-ġimgħa. Filfatt it-Tribunal kien ikun sorpriż ħafna kienu dan it-tip ta' kuntatt ġie ffirmat.

Għaldaqstant meta t-Tribunal qies il-fatti kollha kif preżentati, dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tar-rikorrent kienet waħda kontra l-liġi u qiegħed jillikwida d-danni għas-somma ta' sebat elef u ħames mitt ewro (€7,500) li għandhom jitħallsu mis-soċjeta' ntimata lir-rikorrent fi żmien xahar mid-data tal-lum.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

(Iffirmat)
**Doreen Parnis**
**Chairperson**